IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.11.2021
COM(2021) 673 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 32 tal-Ftehim ŻEE, dwar modalitajiet finanzjarji għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 82

ANNESS

ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru […]

ta' […]

li temenda l-Protokoll 32 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-modalitajiet finanzjarji għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 82

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 jalloka dħul assenjat estern addizzjonali għall-Programm Orizzont Ewropa u għall-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili. Fil-modalitajiet finanzjarji għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 82 tal-Ftehim ŻEE (il-Protokoll 32 ŻEE), huwa xieraq li jiġi ċċarat li, għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati tal-EFTA, il-bażi għall-kalkolu jenħtieġ li tiżdied b'approprjazzjonijiet li jikkorrispondu għad-dħul assenjat estern skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 fir-rigward tal-parteċipazzjoni tagħhom f'dawn il-programmi.

(2) L-Artikolu 82 tal-Ftehim ŻEE jistipula li l-fattur ta' proporzjonalità għall-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA għall-baġit tal-UE għandu jiġi kkalkolat kull sena bħala proporzjon bejn il-PDG tal-Istati tal-EFTA u l-Istati Membri tal-UE, u fejn il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Jannar 2020 jistabbilixxi l-obbligu kontinwu tar-Renju Unit li jikkontribwixxi finanzjarjament għall-Baġit tal-UE b'mod proporzjonali għas-sehem tiegħu ta' fondi impenjati taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014–2020, huwa xieraq li l-PDG tar-Renju Unit jitqies fil-kalkolu tal-fattur ta' proporzjonalità għal-linji baġitarji li esklussivament jinvolvu pagamenti għat-tlestija tal-impenji ffirmati taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014–2020.

(3) Għalhekk, il-Protokoll 32 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Fl-Artikolu 1 tal-Protokoll 32, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"10. Biex tiġi kkalkolata l-kontribuzzjoni operattiva skont l-Artikolu 82 tal-Ftehim ŻEE, l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament imdaħħla fil-baġit tal-Unjoni adottati definittivament għas-snin applikabbli għall-finanzjament ta' Orizzont Ewropa (ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ir-Regolament (UE) 2021/836 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), għandhom jiżdiedu bl-approprjazzjonijiet li jikkorrispondu għad-dħul assenjat estern allokat għal dawk l-attivitajiet skont l-Artikolu 3(1) tar-

Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19[1].

11. Biex jiġi kkalkolat il-fattur ta' proporzjonalità għal-linji baġitarji li esklussivament jinvolvu pagamenti għat-tlestija tal-impenji ffirmati taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014–2020 u dak ta' qablu, il-"fattur ta' proporzjonalità" tal-EFTA kif definit fl-Artikolu 82(1) tal-Ftehim ŻEE għandu jkun is-somma tal-proporzjonijiet bejn, minn naħa waħda, il-prodott domestiku gross bil-prezzijiet tas-suq ta' kull wieħed mill-Istati tal-EFTA, u, min-naħa l-oħra, is-somma tal-prodotti domestiċi grossi bil-prezzijiet tas-suq tal-Istati Membri tal-UE, tar-Renju Unit u ta' dak l-Istat tal-EFTA. Dan il-fattur għandu jiġi kkalkolat, għal kull sena baġitarja, fuq il-bażi tad-*data* statistika l-aktar reċenti f'konformità mal-Artikolu 7.

12. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, biex jiġi kkalkolat il-fattur ta' proporzjonalità kif definit skont l-Artikolu 82(1) tal-Ftehim ŻEE għas-sena baġitarja li matulha jidħol fis-seħħ ftehim dwar l-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid, imsemmi fl-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, qabel l-1 ta' Lulju ta' dik is-sena, il-prodott domestiku gross bil-prezzijiet tas-suq tal-Istati Membri tal-UE għandu jinkludi l-prodott domestiku gross bil-prezzijiet tas-suq tal-Istat Membru l-ġdid.

13. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, biex jiġi kkalkolat il-fattur ta' proporzjonalità kif definit fl-Artikolu 82(1) tal-Ftehim ŻEE għas-sena baġitarja li matulha jidħol fis-seħħ ftehim dwar il-ħruġ ta' Stat Membru, imsemmi fl-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, wara l-1 ta' Lulju ta' dik is-sena, il-prodott domestiku gross bil-prezzijiet tas-suq tal-Istati Membri tal-UE għandu jinkludi l-prodott domestiku gross bil-prezzijiet tas-suq tal-Istat Membru li jkun se joħroġ."

2. Fil-Protokoll 32, jiżdied l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 8*

Regoli speċifiċi għall-parteċipazzjoni f'garanziji baġitarji

Il-modalitajiet finanzjarji speċifiċi għall-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA relatati mal-parteċipazzjoni f'garanziji baġitarji, inkluż il-proċedura għad-determinazzjoni tal-parteċipazzjoni finanzjarja fihom, għandhom jiġu stabbiliti fi ftehimiet speċifiċi ta' kontribuzzjoni li jistgħu jikkomplementaw il-modalitajiet stabbiliti f'dan il-Protokoll. Il-kontribuzzjoni għandha tikkonsisti f'kontribuzzjoni għall-proviżjonament parzjali tal-garanzija baġitarja u l-assunzjoni tal-obbligazzjoni kontinġenti rispettiva, jew inkella għandha tkun kontribuzzjoni ta' flus għall-proviżjonament sħiħ tal-garanzija baġitarja, abbażi tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet ta' kontribuzzjoni speċifiċi."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

[1] ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23.

* [Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.] [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.]

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, […].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President,

[…]